MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru 371/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**ADRIAN CALLEJA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adrian Calleja ta’ 31 sena, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22 ta’ Marzu, 1973, bin Emanuel u Pawla nee’ Borg, residenti fil-fond Nakir, Triq Patrick Brydon, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ numru 161073 (M) ;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-4 ta’ Marzu, 2005, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti tat zmien lill-imputat skond il-Ligi.

Rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------